DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1051

tas-16 ta' Lulju 2020

li tittermina r-riinvestigazzjoni ta' assorbiment li tikkonċerna importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) (ir-"Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 9(1) u 12 tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Fit-18 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni ħabbret il-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni anti-dumping dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina billi ppubblikat Notifika ta' Ftuħ mill-Ġdid f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) (in-Notifika ta' Ftuħ mill-Ġdid").

(2) Il-Kummissjoni reġgħet fetħet l-investigazzjoni wara talba ppreżentata minn tmien produtturi tal-Unjoni ("l-Applikanti") li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut. It-talba kienet tinkludi evidenza li turi li, wara l-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali u wara l-impożizzjoni tad-dazji anti-dumping provviżorji, il-prezzijiet tal-esportazzjoni Ċiniżi ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut roħsu u li ma kienx hemm biżżejjed ċaqliq fil-prezzijiet tal-bejgħ mill-ġdid fis-suq tal-Unjoni. Din l-evidenza tqieset suffiċjenti biex tiġġustifika l-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni.

(3) Fin-Notifika ta' Ftuħ mill-Ġdid, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fir-riinvestigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament infurmat lill-Applikanti, lill-produtturi esportaturi magħrufa, lill-importaturi magħrufa u lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar ir-riinvestigazzjoni ta' assorbiment u stednithom jipparteċipaw.

2. IRTIRAR TAL-ILMENT U TERMINAZZJONI TAL-PROĊEDIMENT

(4) Permezz tal-ittra tal-15 ta' Mejju 2020, l-Applikanti infurmaw lill-Kummissjoni li kienu qed jirtiraw it-talba tagħhom.

(5) Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku, fejn l-ilment jiġi rtirat, il-proċedimenti jistgħu jiġu terminati sakemm tali terminazzjoni ma tkunx kontra l-interess tal-Unjoni.

(6) Ir-riinvestigazzjoni ta' assorbiment ma żvelat l-ebda kunsiderazzjoni li turi li t-terminazzjoni tar-riinvestigazzjoni ta' assorbiment ma tkunx fl-interess tal-Unjoni.

(7) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li jenħtieġ li r-riinvestigazzjoni ta' assorbiment li tikkonċerna l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina tiġi tterminata mingħajr ma jiġu emendati l-miżuri fis-seħħ.

(8) Il-partijiet interessati ġew mgħarrfa b'dan u ngħataw l-opportunità jikkummentaw. Madankollu, ma wasal l-ebda kumment mingħand il-partijiet interessati li jwassal għall-konklużjoni li t-terminazzjoni tar-riinvestigazzjoni ta' assorbiment ma tkunx fl-interess tal-Unjoni.

(9) Din id-Deċiżjoni hija f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku,

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) In-Notifika ta' ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni anti-dumping dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C 425, 18.12.2019, p. 9).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-riinvestigazzjoni ta' assorbiment rigward l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 7325 10 00 (il-kodiċi TARIC 7325 10 00 31), u ex 7325 99 90 (il-kodiċi TARIC 7325 99 90 80), li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, hija b'dan itterminata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Lulju 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN